MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 579/2011

**Mary Anne Farrugia**
**ID-544278M**

**vs**

**Margaret Sciberras**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici qed titlob lill-konvenuta sabiex thallas is-somma ta' hames mija u tliet Ewro u tlieta u sittin centezmu (€503.63c) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta li baqghet ma hallsetx.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 14 ta' Marzu, 2011 u bl-imghax skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuta mgunta in subizzjoni.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta’ hames mija u tliet Ewro u tlieta u sittin centezmu (€503.63c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------